



16.12.2014

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni Nru. 2428/2013 imressqa minn Francisco Moro Fernandez, ta' ċittadinanza Spanjola, dwar l-istatus ta' impjegati temporanji

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjoni tirrigwarda l-istatus ta' impjegati temporanji tal-Gvern Spanjol fl-Andalusija. Skont il-petizzjoni, dawn huma suġġetti għal diskriminazzjoni fir-rigward tat-tul tal-kuntratti ta' xogħol, sigħat ta' xogħol, salarju u sigurtà soċjali. Il-petizzjonant iqis li dan imur kontra d-Direttiva 1999/70/KE.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-26 ta' Settembru 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fis-16 ta' Diċembru 2014

Il-petizzjoni tidher li hi identika fil-kontenut għall-Petizzjonijiet 0376/2013, 1390/2013, 1396/2013 u 1451/2013.

Il-Kummissjoni rċeviet għadd ta' ilmenti dwar din il-kwistjoni matul l-2012 u l-2013. Permezz tas-sistema EU-Pilot inkisbu kjarifiki mingħand l-awtoritajiet Spanjoli, li ġew diskussi ma' dawn l-ilmentaturi.

B'risposta għall-mistoqsijiet tagħha, l-awtoritajiet Spanjoli informaw lill-Kummissjoni li l-miżuri kontenzjużi ġew irtirati. Skont din l-informazzjoni, sa minn Jannar 2014 mhemmx obbligu għat-tnaqqis tal-ħin tax-xogħol, bi tnaqqis korrispondenti f'salarji għal uffiċjali b'terminu fiss.

Għalhekk mhemmx skop għal azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni.